FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 17 TA' MEJJU 2017

Il-Pulizija
(Spett Mark A.Mercieca u Spett Nicholas Vella)

Vs

Alfred Attard

Il-Qorti'

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 367665M talli:

1. talli fl-4 ta' Lulju 2015 gewwa dawn il-Gzejjer ikkometta serq minn residenza No. 65/67, Triq il-Mithna il-Qadima, Mosta ghad-detriment ta' Alberta Muscat ta' 81 sena liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, ta' anqas minn €2329.37, bil-mezz, bil-hin u bil-lok. Art 267, 263, 269, 270 tal-Kap 9;
2. fl-istess dati hin lok u cirkostanzi, volontarjament gharraq hassar jew kisser hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe' hsara fuq il-bieb ta' residenza 65, Triq il-Mithna il-Qadima Mosta li jiswew aktar minn€ 116.47 izda anqas minn € 1164.69 ghad-detriment ta' Alberta Muscat u/ jew persuni ohra. Art 325 ta' Kap 9;
3. fl-istess dati hin lok u cirkostanzi, ikkommetta vjolazzjoni kontra il-propjeta ta' haddiehor. Art 340 ta' Kap 9;
4. fl-istess data hin lok u cirkostanzi, volontarjament gharraq hassar jew kisser hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe' hsara fuq il-bieb ta' residenza 65/67, Triq il-Mithna l-Antika Mosta li jiswew aktar minn € 1164.69 ghad-detriment ta' Alberta Muscat u/ jew persuni ohra. Art 325 ta' Kap 9;
5. fl-istess data hin lok u cirkostanzi wara li gie ikkundannat fil-Qorti tal-Magistrati Malta ghal serq jew ghall ricetazzjoni, instabu fil-pussess tieghu ghodod jew oggetti ohra tajjbin ghal ftuh jew sgass ta' serraturi minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu kienu jinstabu ghandu. Art 287 tal-Kap 9:

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa primarjament mixli b'serq minn anzjana ta' 81 sena, hekk kif kwalifikat bil-valur, mezz, hin u lok. L-allegat serq jinghad li sehh mill-fond ta' abitazzjoni ta' l-istess anzjana, ossija, mill-fond numru 65, Triq il-Mithna l-Qadima, Mosta. Jinghad ukoll li fis-serqa ntuzat vettura numru ta' registrazzjoni ABQ579.

Xehdu numru ta' xhieda.

F'dan l-istadju l-Qorti ser tirreferi ghall uhud minnhom li thoss li huma relevanti.

- Stephen Piscopo (folio 79) xehed li fl-14 ta' Lulju 2015 kien il-Mosta ma' martu. Kien qieghed ipparkeggja l-vettura meta fil-hin gew tnejn minn nies jigru minn warajhom, kull wiehed b'borza f'idu u libsien ingwanti suwed u dahlu fil-vettura ta' quddiem. Fuq suggeriment ta' martu innota n-numru ta' registrazzjoni taghha li ghaddieh lil Joe Sammut li kellhom appuntat mieghu. Kien dan li cempel lill-Pulizija u tohom in-numru. Dan jinsab konfermat mill-imsemmi Sammut (folio 137) u minn martu Lucy Piscopo (folio 119);
- Joseph Muscat (folio 93) it-tifel tad-derubata li joqghod faccata tad-dar taghha, stqarr li kien qieghed bilqeghda barra l-fond tieghu u mid-dar ta' ommu ra hergin mid-dar taghha zewg irgiel, wiehed libes kollu iswed b'biritta tal-'baseball', u b' basket jew borza f'idejh. Il-hin kien bejn id-disa neqsin kwart u d-disa ta' bil-lejl fil-hin li kien kwazi dalam. Kompla stqarr li indirizzjom b'esklamazzoni, li hasdithom u telqu jigru. Gera warajhom sa Triq Grognier. Zied li terz kien provdilu n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura li biha telqu il-persuni. Dan in-numru tah lill-martu li cemplet u taghtu lil-pulizija. Semma li minn hareg mid-dar ta' ommu kellhom "naqra zaqq". Fatt dan li jista' ikollu rilevanza in vista tal-ezami mediku tal-imputat riportat f'rapport guramentat tat-tabib Dottor Mario Scerri.

Ghal dak li ghandu jaqsam man-numru ta' registrazzjoni tal-vettura, numru ABQ579, ix-xhud, in rappresentanza ta' Transport Malta, qalet li jappartjeni lill-vettura tal-marka Toyota Tercell u registrata fuq l-imputat sa mit-tletin ta' Settembru 2014.
Ikkonsidrat:

Id-derubata Alberta Muscat xehdet fuq li kien insterqilha mill-fond taghha. Semmiet li naqsulha zewg crieket, zewg arloggi, xi gizirani, 'mhux tad-deheb', u kaxxa bil-kuruni, b'kollox tal-valur li ma jeccedix €233.

Evalwata x-xhieda fl-assiem taghha, imkien kontradetta, fuq fatti determinant li fuqhom xehdu x-xhieda kif imsemmi aktar 'il fuq , l-Qorti, nonostante n-nuqqas ta' identifikazzjoni tal-imputat, hija sodisfatta dwar l-involviment tieghu, flimkien ma' terz injot, tas-serqa meritu dawn il-proceduri.

Tirrizulta wkoll il-hsara kkagunata konsistenti fis-serratura u mera, wkoll l-pussess ta' ghodda mhux gustifikat u r-recidiva.

Rat is-sentenzi esebiti (folio 147 u 152) u l-fedina penali tieghu.

Issibu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu. Tikkundannah sena prigunerija sospiza ghal sena wara li kkunsidrat l-Artikolu 261(b)(c)(e), 264, 267, 269(g), 279(a), 325, 287, 49,50 u 17(h) u 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M.Trigona
Magistrat